2 ta' Ġunju, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Joseph Portelli *versus* Rita Portelli (*)

**Provi — Eżami fuq il-Persuna.**

*Fid-Dritt Privat l-eżami tal-persuna tal-partijiet, bħala prova, mhux kontemplat; u għalhekk, jekk il-parti li fuq il-persuna tagħha jintalab l-eżami mill-parti l-oħra, topponi ruħha, dak l-eżami fuq il-persuna ma jistax isir.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-attur tat-13 ta' Mejju 1947, fejn l-attur, in pendenza tal-kawża ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, talab li l-konvenuta tiġi eżaminata minn tobba li għandhom ikunu nominati minn din il-Qorti, peress li jgħid li hija *gravida*, u dana bħala *sostenn* ukoll tal-kawża ta' l-adulterju;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

Illi fil-fatt il-konvenuta, imgħajta mill-Qorti, u fuq domanda "ad hoc" jekk kienu ilha miexja din il-kawża kellhiex x'taqsam ma' xi ħadd li mhux żewġha, bil-ġurament qalet li hija ma kellhiex x'taqsam ma' ħadd u li hija mhix gravida— prova ammessa *indubbjament* mill-liġi;

Tikkunsidra;

Illi fid-dritt it-talba ta' l-attur tammonta għal kostrizzjoni personali, jew aħjar tal-persuna *tal-konvenuta għall-eżami* mitlub, u li l-konvenuta per prinċipju qiegħda topponi ruħha għaliha. Dina t-talba fid-Dritt Publiku hija ammessa dwar l-imputati, il-għaliex il-leġislatur ikkontemplaha b'disposti speċjali kif jidher mid-Dritt Kriminali, tant għall-eżami personali ta' l-imputati, kemm dwar il-"finger prints", b'kondizzjonijiet speċjali, f'din l-aħħar okkażjoni, fil-każ ta' eżitu negativ tal-proċess. Imma fid-Dritt Privat l-eżami personali tal-partijiet bħala *prova* mhux kontemplat, u kwindi, jekk il-parti li trid tkun tiġi fuq il-persuna tagħha eżaminata topponi ruħha, l-istess eżami ma jistax, fil-ħsieb ta' dina l-Qort, isir. Del resto, jekk b'dana kollu l-Qorti tordnah, u l-parti topponi

---

(*) Maqtugħa fil-meritu fid-29 ta' Ottubru 1947 (Prim'Awla).

ruħha fiżikament, ma jidherx li hemm fid-Dritt Privat mezz koattiv per mezz ta' l-uffiċjali eżekutivi ta' dina l-Qorti, u finnuqqas ta' dana l-mezz għall-effikaċja tal-provvediment l-istess ikun futili—dak li juri li fejn ma hemmx sanzjoni (u l-koazzjoni hija waħda mill-istadji tas-sanzjoni), ma hemmx liġi. *Del resto, jingħad ukoll illi l-finalitajiet tad-Dritt Publiku u privat huma ben diversi*; il-għaliex mentri wieħed jinteressa s-soċjetà in ġenerali, l-ieħor jinteressa prinċipalment il-privati in partikulari;

*Illi* mhux argument li jekk l-eżami tal-persuna jista' jsir fuq il-persuna fid-Dritt Kriminali, "a fortiori" jista' jsir fid-Dritt Ċivil; il-għaliex, apparti li l-fini taż-żewġ drittijiet, kif intqal fuq, huwa divers, u apparti li fl-ewwel Dritt il-leġislatur nizżel dispost apposta "ad hoc"—dak li ma għamilx fit-tieni Dritt imsemmi — l-estensjoni minn Dritt għall-ieħor, ċjoè minn sfera ġuridika għall-isfera l-oħra, hija inġuridika u affattu ineżatta, almenu fil-ħsieb ta' dina l-Qorti;

Illi lanqas ma huwa eżatt jingħad li l-psikjatri huma ammessi jeżaminaw il-persuna soġġetta għall-eżami tagħhom; il-għaliex, apparti li f'dana l-każ il-perizja hija maħluqa fl-interess tas-soċjetà barra mill-interess patrimonjali tal-pazjent —dak l-eżami jsir mhux fuq il-persuna fiżika "ut sic", imma lil dik il-persuna qisha xhud, b'domandi li jaffettaw il-ħsieb, qagħda tal-menti, konkatenazzjoni ta' idejjiet, idjosinkrasija, u ndaġinijiet oħra "ejusdem generis", li huma affarijiet ben diversi mill-eżami tal-persuna fiżika;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---